MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1458/2000/1

**Gordon Caruana Dingli**
**Vs**
**Michelle Caruana Dingli**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-attur u l-konvenuta huma mizzewwgin pero' minhabba disgwid martimonjali huma prezentement ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali;

Billi l-konjugi Caruana Dingli kienu xtraw il-fond bin-numru 35, gewwa Bakery Street, Lija, liema fond kien lejn l-ahhar tal-1999 jinsab fil-pussess esklussiv tal-attur stante illi l-partijiet kienu 'de facto' separati;

Billi fil-25 ta' Mejju 2000, il-konvenuta klandestinament u vjolentement dahlet fl-imsemmi fond billi sgassat il-fond in

kwistjoni u konsegwentement appropjat ruhha minn diversi oggetti illi kienu jinsabu fl-istess fond, liema oggetti gew akkwistati matul iz-zwieg u li jinsabu elenkati fl-anness dokument hawn immarkat bhala dokument ‘A’;

Billi l-agir tal-konvenuta jikkonsisti fi spoll klandestin fil-konfront tal-attur illi huwa intitolat illi jigi ri-integrat fl-istat ta’ fatt anticidenti l-ispoll imwettaq mill-konvenuta;

Billi mitluba tirritorna l-oggetti hekk minnha mehuda l-konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Tghid il-konvenuta ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuta, b’eghmilha fuq imsemmi, ikkommettiet spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur ai termini tal-Artikoli 534 et. seq. tal-Kodici Civili (Kap. 16);
2. Tikkundanna lill-istess konvenuta, fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss minn dina l-Qorti, hija tispurga l-ispoll hekk minnha kommess u terga’ tirreintegra lill-istess attur fil-pussess tal-oggetti minnha klandestinament approprijati u dan billi tirritorna u tikkonsenja lill-attur l-istess oggetti ndikati fl-anness inventarju;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B’riserva ta’ kull azzjoni ulterjuri spettanti ghall-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepiet:

1. Illi l-esponenti tikkontesta li jezistu l-elementi biex tirnexxi azzjoni ta’ spoll;
2. Illi l-esponenti, bhala kompartecipi fl-amministazzjoni u d-dgawdija tal-kommunjoni tal-akkwisti flimkien ma’ zewgha, ma tistax tkun hatja ta’ spoll fl-ezercizzju tad-drittijiet taghha;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li (a) id-

dar f'Bakery Street, Lija, hija propjeta' taz-zewg kontendenti, u kwindi l-esponenti kellha u ghad ghandha kull dritt tidhol f'dan il-post; (b) illi l-attur ma kellux l-pussess esklussiv ta' dan il-fond u tal-oggetti li kienu jinsabu fih, ghax ic-cwievet tal-istess kienu jinsabu f'idejn iz-zewg partijiet; (c) illi l-oggetti li gew elenkati mill-attur huma wkoll propieta' tal-komunjoni u, peress li fil-post ma kien jghix hadd u ma kienx hemm sigurta' bizzejjed, hija hasbet, kif ghandha dritt taghmel, ghas-sigurta' ta' uhud mill-affarijiet, u (d) illi l-esponenti ma cahdetx lill-zewgha mid-dgawdija tal-istess, peress li c-cavetta tal-istess giet minnha depositata, taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni personali pendenti bejniethom;

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-kontendenti, lejn l-ahhar tas-sena 1999, fil-kors taz-zwieg taghhom, xtraw il-fond 35 Bakery Street Lija, izda peress li kien jonqos li jsiru fih diversi xogholijiet dawna baqghu jabitaw fid-dar matrimonjali. Fil-frattemp il-konjugi Caruana Demajo sseparaw *de facto*, izda t-tnejn kemm huma kellhom cavetta tal-imsemmi fond. F' xi zmien l-attur li kien baqa' jissorvelja x-xogholijiet li kienu qed isiru f' dan il-post, biddel ic-cavetta u rrifjuta li jaghti kopja tac-cavetta l-gdida lill-konvenuta. Fil-25 ta' Mejju tas-sena 2000 il-konvenuta dahlet fl-isemmi fond hadet diversi oggetti li jinsabu elenkati mill-attur fil-lista dok.GCD 01 [Fol.33], fosthom aperturi tal-injam, bieb u madum. Il-konvenuta minn naha taghha, filwaqt li ammettiet li hija kienet hadet il-louvres, qalet li kienet ghamlet hekk peress li l-post ma kienx qed jinghalaq sew u, peress li huma kienu hallsu hafna flus ghalihom, "Jiena hadt hsieb

nehhejthom minn hemm sakemm il-post kollu jkun jinghalaq ghaliex kien irresponsabbli illi thalli eluf ta' liri, twieqi u bibien, f' post miftuh berah." [Fol.153]. Hija hadet dawn l-oggetti go garage, ad insaputa tal-attur, u minghajr il-kunsens tieghu, ghal liema garage l-attur m' ghandux access u lanqas kien jaf l-indirizz tieghu.

Irrizulta li, wara li l-attur kien ghamel serratura gdida u kien irrifjuta li jghati kopja tac-cavetta l-gdida lill-konvenuta, kienu saru mal-bieb ta' dan il-fond, f' diversi okkazzjonijiet, diversi katnazzi li kienu jitqacctu . Hemm xhieda li jghidu li kienu raw lill-konvenuta tqaccat il-katanazz biex tidhol, u wkoll li f' okkazzjoni ohra kienu raw ragel li kien maghha jisgassa l-bieb ta' barra b' daqqa ta' sieq.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***
***Osservazzjonijiet guridici***
Illi in vena legali l-Qorti tosserva li l-azzjoni in disamina hija bazata fuq id-dispost tal-artikolu 535 tal-Kap 16 li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li ghandu bhala elementi kostituttivi tieghu tlett fatturi: il-pussess ***(possidesse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qbael ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxissesse).***

Kif ribadit minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***Av.Dr.George Cutajar vs Giomaria Caruana*** *[NC deciza 14.10.2003], l-*actio spolii hija radikata fuq l-ezigenza ta' utilitia' socjali, intiza sabiex tkun esitiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja b' idejh, b' dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrtat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi riprestinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha. *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b' awtorita' privata jghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jesercitah

minghajr l-intervent tal-Qrati ***[Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500]***

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li *"All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..."(**Camilleri v Agius** PA.20/10/1882).* Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess materiale u di fatto [***Vol.XXXVII.I.280***]. *Spoll vjolent u abusiv "jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li marte proprio jmur kontra l-persuna spoljata" **[Vol.XLI.II.1133**];* u *"neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto**"[Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49].***

Inolte gie affirmat li ghall-promozzjoni ta' din l-azzjoni, mhux necessarju li l-pussess ikun esklusiv. *"Anzi l-Qrati nostrana dejjem ippermettew li l-ko possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklusiv" [PA **Alfred Pisani vs Victor Farrugia** [FGC] 21.01.94*]. "Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza li l-azzjoni ta' spoll tista' tigi ezercitata anke meta l-ispoljant ikollu l-komproprjeta' tal-haga li taghha l-ispoljat jkun sofra l-ispoll. Fil-kawza *PA[1.3.1951] fl-ismijiet **Carmela Bugeja vs Pietro Borg**,* fil-kuntest tal-azzjoni possessorja, gie ribadit il-principju fl-art.493 tal-Kodici Civili li jipprojbixxi kull komprropretarju milli 'jaghmel tibdil fil-haga komuni minghajr il-kunsens tal-kompropretarji l-ohra, lanqas jekk jidhrilu li dak it-tibdil hu ta' gid ghal kulhadd' *[App.C. **Perit Lawrence Mintoff vs Michael Schembri** – 27.03.2003]*

Ghalhekk pussess qualunque, anki purament materjali u *di fatto*, anche qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta' jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza ***[Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79].***

**Att spoljattiv** - "Jigi rilevat li sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga *'imma bizzejjed li jkun hemm* ***diminuzzjoni tal-pussess****, tfixkil fid-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll'* [App.Kum. ***Mag.Peter Cordina vs Raymond Aquilina*** 12.12.1988]" *[App.C.* ***Perit Lawrence Mintoff vs Michael Schembri*** *– 27.03.2003]* "Illi gie wkoll mfisser li l-kliem *vis aut clam* li jirradikaw dan l-element tal-ispoll, mhux bilfors jssarraf f' ghemil ta' tkisser jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur jew li fih huwa jgarrab xi hsara fisika, ghaliex huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir **kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih** *[App.C. [1961*___***] Desira vs Lungaro*** *– Vol.XLV.I.19]" PA[JRM]*
***Francis Tonna et vs Constantino Borg*** *– 1.04.2003]*

***Osservazzjonijiet fattwali***
**Fil meritu** l-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet. Illi rigward l-allegat fatt tal-isgass, jigi osservat li ngabu diversi xhieda, anke xhieda okulari mressqa mill-attur, izda din il-Qorti, wara ezami tal-provi, tosserva li ghall-finijiet tal-azzjoni odjerna, huwa irrilevanti l-fatt jekk meta l-konvenuta hadet l-oggetti mid-dar kienx gie sgassat il-bieb ta' barra, jew kif minnha allegat gie semplicement imbuttat, jew anke jekk infetah f' semplici pronunzja ta' kelma magika; ghax il-fattur krucjali f' din il-vertenza, mhuwiex il-mod kif il-konvenuta accediet fil-fond de quo, izda huwa <u>il-fatt ta' tehid tal-pussess ta' l-oggetti mill-fond u t-tehid taghhom go garage ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-attur</u>, ko possessur u ko propretarju tal-istess oggetti; u b' hekk <u>eskludietu mill pussess totali</u> ta' dawn l-oggetti li sakemm kienu fl-imsemmi fond kienu bla dubbju ta' xejn anke fil-pussess tieghu. Ghalhekk ghandu jirrizulta manifest li b' din l-azzjoni taghha l-konvenuta tturbat il-pussess li kellu l-attur tal-oggett in disamina.

Illi l-konvenuta ssostni li l-iskop taghha kien li tnehhi l-louvres minn fond, li skond hi ma kienx qed jissakkar, u tpoggihom f' post b' aktar sigurta'. In propositu l-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li l-konvenuta ghandha d-dritt li tiehu mizuri biex tissalvagwardja hwejjigha, minn

naha l-ohra hija la bhala ko pussessur u lanqas bhala ko propretarja ma kellhiex dritt taghmel dak li ghamlet minghajr il-kunsens tal-ko pussessur u ko propretarju l-iehor; u teskludih kompletament mill-pussess tal-oggetti. F' dan il-kuntest l-azzjoni tal-konvenuta ghandha titqies bhala wahda abbusiva u illegali. *Aliter* li kieku hija nformat lill-attur bil-hsieh taghha, jew li almenu nformatu bil-post fejn kienet hadet l-oggetti u tatu cavetta tal-fond in kwistjoni – cirkostanzi ferm improbabbli fis-sitwazzjoni infelice ezistenti bejn il-kontendenti.

Illi mill-premess, jirrizultaw sodisfacentement provati kemm l-element tal-*possidesse*, kif ukoll dak tal-*ispoliatum fuisse*.

Illi rigward l-element tal-infra bimestre deduxisse, jigi rilevat in tema legali li t-terminu ta' xaharejn hu terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fiz-zmien xaharjen mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi. Inoltre, il-gurisprudenza interpretattiva abbraccjata hi fis-sens dan il-perijodu bimestrali "jibda jiddekorri mid-data li fiha l-attur ikun attwalment u fizikament gie spoljat mill-pussess tieghu u mhux a die scientiae" *[PA* ***Michaelangelo Fenech noe vs Alfred Camilleri*** *deciza 22 Frar 1994 u kkwotat b' approvazzjoni fil-kawza App.Civ****. L-Avukat Dottor Frank Vassalloet vs Joseph Baldacchino et*** *[1998] Vol.LXXXII.II.1354]*. Interpretazzjoni diversa tmur kontra t-termini espressi tal-Artikolu 535 tal-Kap.16 li ma jaghmel ebda distinzjoni f' dan is-sens imma jghid espressament "fi zmien xaharejn mill-ispoll".

Inoltre l-att spoljattiv li jghati lok ghall-azzjoni huwa meqjus li sehh malli, u fid-data, li fiha gie turbat il-pussess tal-attur, u hija minn din id-data li jibda jiddekorri l-perijodu perentorju ta' xaharejn, u huwa immaterjali ghall-finijiet ta' dan l-element, li l-ispussessament jkun baqa' jippersisti. [Vassallo vs Baldacchino]. Principju legali iehor relevant huwa dak li l-oneru tal-prova tal-esistenza tal-konkorrenza tal-elementi tal-ispoll, u allura anke dak tal-*infra bimestre deduxisse*, jirrisjedi fuq l-attur.

Mill-provi jirrizulta li c-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-14 ta' Lulju 2000, u ghalhekk sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna l-attur irid jipprova li l-att spoljattiv ma sarx qabel l-14 ta' Mejju tal-istess sena. Illi fl-att tac-citazzjoni huwa indika d-data tal-25 ta' Mejju 2000. Mill-provi rrizulta li huwa d-data li fiha huwa sar jaf li kienu naqsulu l-oggetti mill-imsemmi fond, kienet id-29 ta' Mejju 2000, u f' dik l-istess data mar jaghmel rapport l-ghassa.

Fl-affidavit tieghu l-attur spjega li kien il-gar tieghu Saviour Pirotta li kien informah fid-29 ta' Mejju li "erbat ijem qabel u cioe' fil-25 ta' Mejju 2000 kien ra lill-konvenuta akkompanjata minn Antoine Gambin … u terza persuna illi kien qed jsuq truck …. tisgassa l-fond in kwistjoni" [Fol.3]. Izda, l-istess Saviour Pirotta fix-xhieda tieghu ma kienx kapaci jaghti dettalji dwar data li jikkorroboraw din l-informazzjoni.

Mill-banda l-ohra pero' l-imsemmi Dr.Antoine Gambin fix-xhieda, fuq domanda espressa kemm kien ghadda zmien mid-data li ttiehdu l-louvres u d-data li fiha kienu baghtu ghalihom il-pulizija, fl-ewwel lok irrisponda li ma kellux idea, izda meta gie mistoqsi jispecifika jekk kienux ghaddew *"Granet, gimghat, xhur, snin"* u rrisponda *"Granet".*[1] Issa meta wiehed jikkonsidera l-fatt li bejn l-14 u 29 ta' Mejju hemm perojodu ta' gimghatejn, il-fatt li l-louvres ttiehdu granet qabel ma sar ir-rapport, jghati konfort relevanti lit-tesi tal-attur li l-att spoljattiv kien sehh fil-25 ta' Mejju kif originarjament informat minn Saviour Pirotta. F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqies li fuq bazi ta' probabbilita' l-attur irnexxielu jipprova li l-azzjoni odjerna giet esperita minnu fiz-zmien ix-xaharejn rikjest mill-ligi. Ghalhekk anke dan l-element jirrizulta provat.

Illi rigward l-oggetti li ghandhom jigu ritornati fl-imsemmi fond, il-Qorti tirrileva li, ghalkemm il-konvenuta fix-xhieda u fl-affidavit taghha semmiet biss il-louvres, mill-provi jirrizulta li ttiehdu bibien, aperturi u madum.[2] Ghalhekk jidher li l-lista annessa mal-affidavit tal-attur ghandha

[1] Depoz. 7.05.2003 Fol.238
[2] Vide wkoll depoz. Paul Attard [Fol.122], u Saviour Pirotta [fol.93].

tittiehed bhala korretta u l-oggetti hemm indikati [il-valuri apparti] ghandhom jigu ritornati lilu hlief ghas-segwenti: il-katusi, is-serratura tal-bieb ta’ barra u x-xogholijiet ezegwiti ghar-riparazzjoni tas-serratura.[3]

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici kif dedotti, u, filwaqt li tiddikjara illi l-agir tal-konvenuta konsistenti fit-tehid tal-oggetti indikati fid-Dok.GCD01 [salv dawk fuq eskluzi] jikkostitwixxi spoll klandestin fil-konfront tal-attur, tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien gimghatejn tispurga l-ispoll u terga’ tirreintegra lill-istess attur fil-pussess tal-oggetti minnha klandestinament approprijati u dan billi tirritorna u tikkonsenja lill-attur dawn l-oggetti.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Dok.GCD 01 Fol.33